**PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**

Education Assessment Unit – Education Division

| **IS-SITT SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA** |
|---|---|---|

Isem:______________________ Klassi_______

A. **Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.**

1. Il-vapur bejn Malta u Għawdex jaħdem l-aktar bejn l-Imġarr u (il-Birgu, il-Mellieħa, M`Xlokk, iċ-Ċirkewwa).

2. L-ewwel edukazzjoni noħduha (mill-iskola, mis-safar, mid-dar, mill-università).

3. Meta nissoċjalizzaw nitgħallmu kif (niġġieldu, ngħixu, nitolbu, nagħjtu) man-nies.

4. Il-kelma 'arċipelagu' tfisser grupp ta' (pajjiżi, gżejjer, bliet, irħula).

5. (Iż-żrar, il-fuħħar, il-ħġieġ, il-ħadid, l-injam) isir mill-Qawwi ta' Taħt.

6. Il-bini ta'(skejjel, baċiri, portijet, imqades) juri kemm l-ewwel nies f`Malta kienu jħobbu r-reliġjon.

7. L-ewwel nies f `Malta kellhom il-vantaġġ ta' (kura, ikla, klima, skola) tajba.

8. It-Torok riedu jattakkaw lil Malta minħabba (il-pożizzjoni, id-dawl, il-kobor, iċ-ċokon) tal-gżira.

9. F `Bulebel u l-Imrieħel insibu (oqsma industrijali, baċiri, ajruporti, sptarijiet).

10. Ħaġar Qim jinsab ħdejn it-tempju ta' (l-Imnajdra, Ġgantija, Ħal Saflieni, Tas-Silġ)

(10 marki)

B. **Qabbel kolonna 'A' ma' kolonna 'B' billi tpoġġi numru fiċ-ċrieki.**

| A | B |
|---|---|
| 1. L-ewwel nies f `Malta | ◯ flok il-palazz ta' Publiju. |
| 2. Il-katidral ta' l-Imdina nbena | ◯ kien hemm fdalijiet ta' l-ijunfanti. |
| 3. Il-bastimenti tat-Torok tefgħu l-ankri | ◯ fuq il-Belt il-ġdida, Valletta. |
| 4. F' Għar Dalam | ◯ tempju taħt l-art. |
| 5. Waqt l-Assedju l-Kbir, Malta serviet bħala tarka | ◯ kellhom għodda tal-ġebel. |
| 6. Ix-xini ta' San Pawl tfarrak | ◯ tar-reliġjon nisranija. |
| 7. Ġlormu Cassar kompla x-xogħol | ◯ fil-Port ta' Marsaxlokk. |
| 8. Dragut miet | ◯ l-isptar ta' l-Ordni. |
| 9. Is-Sagra Infermerija kienet | ◯ waqt l-attakk fuq Sant' Iermu. |
| 10. Il-kelma 'Ipoġew' tfisser | ◯ fil-Ponta ta' Tassu, li tfisser Tarsu |

(10 marki)

Ċ. **Imla bil-kliem mogħti**.

1. Grigal, Punent, Lbiċ Lvant, Xlokk, Majjistral.




(6 marki)

2. anemometru, rain gauge, termometru, pinnur.

   



(4 marki)

D. **Imla l-vojt b'dan il-kliem:** opinjoni, awtorità, ġenituri, edukat, rispett, dixxiplina, dmirijiet, storbju, difetti, niġġieldu.



1. Bniedem _______________ juża manjieri tajba ma` kulħadd.
2. Aħna ulied, għalhekk għandna drittijiet u ___________________ ukoll.
3. Il-membri tal-familja għandhom juru _________________ lejn xulxin.
4. Il-ġenituri huma l- ___________________ li tmexxi l-familja.
5. Meta ma naqblux, tajjeb li nitkellmu bejnietna flok ____________________.
6. Kulħadd hu differenti, għalhekk għandna naċċettaw id- __________________ ta' xulxin.
7. Hi ħaġa tajba li t-tfal juru l- __________________tagħhom fl-affarijiet tal-familja.
8. Mhux sewwa li nagħmlu ________________ waqt il-ħin tal-mistrieħ.
9. Il- ________________ m`humiex ilsira tagħna; kulħadd għandu joffri l-għajnuna tiegħu fid-dar.
10. Huwa importanti li fil-familja jkun hemm d- __________________ u l-kontroll.

( 10 marki )

E. 1. **Ħares lejn il-mappa**.




**Dawn huma kontinenti. Poġġi n-numru ta' kull kontinent fuq il-mappa.**
(L-ewwel wieħed lest).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ewropa | 2 | Asja | 6 | Amerika ta' Isfel |
| 4 | Amerika ta' Fuq | 5 | Antartika | 3 | Afrika |

(5 marki)

2. **Ara din il-mappa sew.Wara ikteb in-numri (biss) fis-sentenzi ta' taħt biex turi fejn jinsabu dawn il-postijiet**.




a) Post f `Għawdex fejn jitkabbru ħafna prodotti tal-biedja. ______

b) Bajja popolari mal-Maltin u l-barranin. ______

ċ) L-ajruport internazzjonali ta' Malta. ______

d) Ċentru turistiku. ______

e) Il-Forti Sant Iermu. ______ (5 marki)

F. **Aqra sew dawn iż-żewġ siltiet.Wara ikteb ħames sentenzi fuq kull silta.**

1. Din is-sena fil-klassi ta' Rita u Bertu hemm tifla jisimha Marija. Marija għandha bżonnijiet speċjali. Iż-żewġt itfal jixtiequ jgħinu lil Marija. Huma tkellmu flimkien biex jaħsbu x`għandhom jagħmlu.

   Ikteb x` taħseb li qalu Rita u Bertu fuq kif ser jgħinu lil Marija.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   (5 marki)

2. Toni qal, " Superman l-aħjar għax m` għandux problemi ta' trasport. "
   Marija wieġbet, " Veru. Jien kull fejn immur bil-mixi. "

   It-trasport inbidel ħafna u mhux bħal ma kien żmien ilu.

   Għid kif kien it-trasport żmien ilu u kif sar illum. Għid ukoll kif aħna nużaw il-mezzi tat-trasport illum.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(5 marki)

Ġ. **Imla l-vojt bi kliem li jagħmel sens. L-ewwel ittra ta' kull kelma lesta.**

Wara l-A ______________ l-Kbir il-kavallieri riedu jibnu belt ġdida. Il-Papa Piju V bagħat lill-perit tiegħu Francesco L_______________ biex ifassal il-pjanta tal-Belt. Il-belt kien ser ikollha s____________ madwarha biex jiddefenduha mill-attakki ta' l-għadu. Saru liġijiet importanti fosthom li f'kull dar ried ikun hemm b__________ għall-ħażna ta' l-ilma u t-toroq kellhom ikunu d______________. Il-B ______________ kienu bini importanti f' din il-belt. Fihom kienu joqogħdu l-kavallieri ta' ilsna differenti. Il-K_________________ inbena biex ikun il-knisja ta' l-Ordni. Fl-1571 il-kavallieri telqu mill-B_______________ biex imorru joqogħdu fil-Belt il-ġdida. Din il-Belt issemmiet għall-G________M_________ La Vallette.

(10 marki)

G. **Imla b`kelma waħda**:

1. Tempju Megalitiku f `Għawdex: …………………………
2. Il-Belt kapitali tal-Greċja: ………………………..
3. Forom ta' annimali li ntradmu fil-ħama, ramel u naqal: …………….

4. Hawnhekk hawn il-Qasam Industrijali t`Għawdex: ………………………

5. L-iskola fejn imorru t-tfal bejn il-5 u l-10 snin: …………………...

6. Kiteb l-istorja ta' meta San Pawl ġie Malta: …………………………...

7. L-isem ta' l-għolja li fuqha nbniet il-Belt il-ġdida: ………………………...

8. Port imħares mit-tliet fortizzi ta' l-Ordni: ………………………...

9. Isem ieħor għat-tempju ta' Astarte f `Marsaxlokk: ………………...

10. Post minn fejn San Pawl ħareġ l-ilma biex jgħammed l-ewwel insara Maltin: ………………….

(10 marki)

Għ. **Aqta' sinjal taħt 2 (żewġ) tweġibiet tajbin.**

1. Meta jkun hemm ħafna traffiku ikun hemm:
   (tniġġis, xogħol, ħsejjes żejda, kwiet)

2. Dawn huma żewġ fdalijiet preistoriċi li nstabu:
   (palazzi, dolmen, għerien, skejjel, menħir)

3. Żewġ gżejjer li jagħmlu ma' l-Italja:
   (Ċipru, Kreta, Sardinja, Sqallija, Korsika, Gżejjer Balearići)

4. (L-imġiba, il-wiċċ, il-mixja, id-dehra, is-sbuħija)
   jiffurmaw il-karattru tagħna.

5. Parlament hu magħmul mill- :
   (Qorti, President, Gvern, Oppożizzjoni, Kandidati)

(10 marki)

H. **Agħżel *waħda biss* minn dawn u ikteb għaxar sentenzi.**
**Il-kliem li hemm sing taħtu jista' jgħinek.**

1. **Kif għandha tkun l-imġiba tagħna barra minn darna.**
   (rispett lejn l-ambjent u lejn in-nies, nobdu l-liġijiet).

2. **Il-Biedja f `Malta.**
   (xogħol tar-raba' u trobbija tal-bhejjem, Inħawi tal-biedja f'Malta).

3. **L-Assedju l-Kbir.**
   (Id-diffikultajiet li t-Torok sabu waqt l-Assedju; X'kienet tfisser din ir-rebħa għal Malta u għall-Kavallieri).

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

(10 marki)